Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2010

Numru. 29/2008

**Il-Pulizija**
**Sp Dennis Theuma**
**vs**
**Rion Azzopardi**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Rion Azzopardi ta' 18-il sena iben John u Carmen nee' Aquilina mwieled Pieta fil-15 ta' Marzu 1988 u residenti Flat 1 Triq il-Qalb ta' Gesu Block G Ent C Birgu, ID 146288 (M).**

**Akkuzat talli fl-14 ta' Dicembru 2006 u fit-tliet xhur ta' qabel din id-data gewwa dawn il-Gzejjer biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (B) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**U iktar talli fl-14 ta' Dicembru 2006 u matul is-sentejn ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn iz-zewg imputazzjonijiet u ghal daqstant dawn gew ppruvati skond il-ligi.**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8 (a), 8 (b), 22 (1) (a), 22 (2) (b) (i) u (ii) u 22 (IB) u 29 tal-kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrieh. Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkunsidra li l-imputat ghamel ammissjoni bikrija kif wkoll li ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal daqstant qed tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' 468 Euro, liema multa tista' tithallas b'rati ta' 50 Euro kull 4 gimghat bl-ewwel pagament isir fi zmien 4 gimghat millum. Jekk xi parti minn din il-multa ma tithallasx, allura din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro li ma jithallsux.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------